MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 2349/2000/1

**Anna CARUANA**

**vs**

**LAFERLA INSURANCE AGENCY LIMITED bħala rappreżentanta f'Malta ta'** ***Lloyd's Private Motor Insurance*** **u b'degriet tal-15 ta' Frar, 2002, ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża tas-soċjeta' Lloyds (Malta) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta' Ottubru, 2000, bil-proċedura sommarja speċjali, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attriċi talbet li l-Qorti tisma' l-kawża sommarjament bid-dispensa tas-smigħ, u li tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha Lm 1,100 bħala kumpens għas-serqa ta' karozza li kienet assikurata mal-istess kumpannija mħarrka;

Rat id-degriet tal-24 ta' Novembru, 2000, li bih il-Qorti (diversament presjeduta) tat lill-kumpannija mħarrka l-jedd li titħalla tikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-1 ta' Diċembru, 2000, li bih il-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kellha l-ebda mandat mid-ditta "Lloyd's Private Motor Insurance", li l-kawża messha tressqet kontra Lloyds (Malta) Limited, u li l-ebda kumpens ma huwa dovut lill-attriċi għaliex il-polza li taħtha qegħda titlob kumpens kienet vizzjata minħabba nuqqas ta' "*full disclosure*" min-naħa tal-istess attriċi, li xorta waħda għandha tipprova kif imiss li seħħet is-serqa minnha lmentata;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Ottubru, 2001[1], li bih il-kawża tħalliet *sine die*;

Rat id-degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001, li bih il-kawża reġgħet tqegħdet fuq il-lista tal-kawżi għas-smigħ;

Rat id-degriet tal-15 ta' Frar, 2002[2], fuq talba magħmula b'rikors imressaq mill-attriċi fil-15 ta' Ottubru, 2001, li bih il-kumpannija  Lloyds (Malta) Limited issejħet fil-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija msejħa fil-kawża fid-9 ta' April, 2002, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet ukoll li l-polza kienet vizzjata, li trid issir il-prova xierqa li tassew seħħet is-serqa tal-karozza, u li l-ammont mitlub mill-attriċi kien eżaġerat;

Rat id-degriet tal-10 ta' April, 2002[3], li bih il-Qorti ordnat li jsir il-qlib tal-ordni li fih jitressqu l-provi, u dan fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija msejħa fil-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa quddiemha u wkoll il-provi dokumentali mressqin;

---

[1] Paġ. 16 tal-proċess
[2] Paġ. 24 tal-proċess
[3] Paġ. 30 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' April, 2003[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi li l-partijiet kien għad fadlilhom iressqu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha tat-23 ta' Novembru, 2004, tas-17 ta' Marzu, 2005, tat-23 ta' Ġunju, 2005, tal-15 ta' Diċembru, 2005, u tas-16 ta' Frar, 2006, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għar-risarċiment taħt polza ta' assikurazzjoni. L-attriċi trid li l-kumpannija mħarrka tagħmel tajjeb għat-telf li ġarrbet meta l-karozza tagħha sabitha nieqsa minn fejn kienet ħallietha;

Illi kemm il-kumpannija mħarrka, u kif ukoll dik li ssejħet fil-kawża xi żmien wara, jgħidu li l-polza li bis-saħħa tagħha l-attriċi qegħda titlob li tingħata l-kumpens, kienet polza vizzjata, għaliex l-istess attriċi kienet naqset li tagħti stqarrija sħiħa ta' tagħrif meħtieġ meta ġiet biex tassikura l-karozza tagħha;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi hija mart Edwin Caruana, iżda żewġha kien ħalliha l-għada li tejġu. Qabel iżżewġet, fl-1983[5], kien kunjomha Beżżina[6]. Jirriżulta li f'Diċembru tal-1992, l-attriċi kienet ressqet "*claim*" (għalkemm b'kunjom xbubitha) dwar serqa ta' karozza ma' kumpannija assikuratriċi, liema "*claim*" tħallas[7]. Il-karozza kienet waħda tal-għamla *Fiat*, reġistrata E-5837. Dwar is-serqa kienet għamlet rapport mal-Pulizija[8]. Jirriżulta wkoll li f'April tal-1998[9], l-attriċi

---

[4] Paġ. 96 tal-proċess
[5] Dok "CC1" f'paġ. 112 tal-proċess
[6] Xhieda tal-attriċi 31.5.2002, f'paġ. 56 tal-pproċess
[7] Xhieda ta' Reno Debattista 31.5.2002, f'paġ. 52 tal-proċess
[8] Dok "PV1", f'paġġ. 110-111 tal-proċess

kienet ħarġet polza ta' assikurazzjoni dwar vettura oħra tagħha[10] tal-għamla *Ford Fiesta*, reġistrata IAZ-569. Kienet polza tax-xorta "t.p.f.t." (jiġifieri, *third party, fire & theft*) b'seħħ mill-11 ta' Novembru, 1997. Fit-18 ta' April, 1998, l-attriċi irrapportat li l-karozza msemmija kienet insterqitilha mill-Belt Valletta lejliet[11] u ngħatat kumpens ta' Lm 2,100 mill-assikuratriċi tagħha[12];

Illi hija kellha karozza oħra tal-għamla *Volkswagen Golf*, reġistrata DAE-314, li dwarha hija kienet talbet il-ħruġ ta' polza ta' assikurazzjoni fil-bidu ta' Mejju, 1999[13]. L-attriċi xtrat il-karozza bin-nifs f'April tal-1999[14]. Il-polza nħarġet b'effett minn dak inhar li mliet il-*proposal form*, jiġifieri fl-4 ta' Mejju, 1999[15], għal żmien ta' sena sat-30 t'April, 2000. Il-polza nħarġet biex tkopri r-riskju ta' "*private car – third party fire & theft*" u dak inhar sar il-ħlas tal-*premium*[16]. Fil-25 ta' Ottubru, 1999, l-attriċi ressqet rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta fejn qalet li ma sabitx il-karozza fejn kienet ħallietha msakkra lejliet[17]. Dak inhar, l-attriċi kien għad fadlilha tħallas qrib sitt mitt lira Maltin mill-prezz tax-xiri tagħha[18]. Fis-26 ta' Ottubru, 1999, l-attriċi ressqet "*claim*" dwar in-nuqqas ta' sejbien tal-karozza tagħha mal-kumpannija mħarrka[19];

Illi hija qegħda titlob kumpens ta' ħdax-il mitt lira Maltija (Lm 1,100), billi l-karozza baqgħet qatt ma nstabet[20]. Il-kawża nfetħet f'Ottubru tal-2000;

Illi, mix-xejra li ħadet il-kawża, ma hemm l-ebda dubju li l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru l-każ iduru mas-siwi tal-polza tal-assikurazzjoni li nħarġet dwar il-vettura tal-attriċi. Kien sewwasew minħabba f'hekk li l-Qorti, kif dak iż-żmien presjeduta, kienet ordnat li l-ordni tal-ġbir tal-provi jinqaleb. Dan sar għaliex kien jaqa' fuq il-

---

9 Dok "DW1", f'paġ. 44 tal-proċess
10 Dok "DW1", f'paġ. 46 tal-proċess
11 Dok "DW1", f'paġ. 45 tal-proċess
12 Xhieda ta' Charles Galea 27.2.2003, f'paġ. 71 tal-proċess
13 Dokti. "CG4" u "AC-8", f'paġġ. 67-8 u 85 tal-proċess
14 Dokti. "CG1" u "AC-1", f'paġġ. 62 u 78 tal-proċess
15 Dok "AC-2", f'paġ. 79 tal-proċess
16 Paġġ. 94-5 tal-proċess
17 Dok "RV", f'paġġ. 108-9 tal-proċess
18 Dokti "CG2" u "CG3", f'paġġ. 63-4 tal-proċess
19 Dok "ST", f'paġġ. 121-4 tal-proċess
20 Xhieda ta' PC1218 Ray Vella 18.11.2003, f'paġġ. 113-4 tal-proċess

kumpannija mħarrka (l-istess bħalma kien jaqa' fuq dik imsejħa fil-kawża) li turi li kien hemm raġuni tajba li għaliha l-polza ma kinitx tiswa;

Illi l-kumpannija mħarrka u dik imsejħa fil-kawża t-tnejn iqanqlu l-kwestjoni li l-polza ta' assikurazzjoni li nħarġet dwar il-karozza tal-attriċi waqgħet għaliex l-attriċi naqset li tagħti tagħrif sħiħ u meħtieġ qabel ma nħarġitilha l-imsemmija polza. Huma jgħidu li dan sar għaliex l-attriċi naqset li tgħarraf li, f'okkażjonijiet oħrajn li ġraw qabel, hi u żewġha kienu diġa' ressqu talbiet oħrajn għal risarċiment sewwasew minħabba allegat serq ta' karozzi. Huma jgħidu wkoll li, fl-istess żminijiet, żewġha kien ukoll ressaq xi talbiet għal kumpens fuq ħruq ta' karozzi li kellu reġistrati f'ismu;

Illi huwa magħruf illi l-kwestjoni tal-invalidita' ta' polza ta' assikurazzjoni tista' titqajjem ukoll *per via di eccezione*, bla ma l-assikuratur jeħtieġlu jiftaħ kawża għal dan il-għan[21]. F'każ li joħroġ li kien hemm tassew xi ksur min-naħa tal-assikurat ta' xi dmir li mistenni jwettaq taħt il-kuntratt tal-assikurazzjoni, l-effett ikun li l-polza taqa' minn dak il-ħin li jirriżulta l-ksur 'il quddiem;

Illi l-kwestjoni tas-siwi ta' polza ta' assikurazzjoni minħabba nuqqas ta' tagħrif min-naħa tal-assikurat hija waħda mill-aktar mistħarrġa fil-qasam tad-dritt tal-assikurazzjoni. Dan huwa qasam tal-liġi li jinbena fuq ir-regola li, fil-kuntratt tal-assikurazzjoni, l-assikurat irid juri l-ogħla bona fidi (id-duttrina tal-*uberrima fides*). Huwa minnu li l-obbligu li f'kuntratt ta' assikurazzjoni kull waħda mill-partijiet trid turi l-ogħla bona fidi fil-konfront tal-parti l-oħra[22]. Iżda, mil-lat tat-talba ta' persuna biex tinħarġilha polza ta' assikurazzjoni, r-regola trid li jekk assikurat (prospettiv) jonqos li jagħti tagħrif materjali lill-assikuratur (prospettiv) tiegħu dwar fatt li, kieku l-assikuratur kien mgħarraf bih, kien jiddetermina jekk it-talba tal-assikurat għall-ħruġ tal-polza tintlaqax, dak in-nuqqas iwassal biex

---

[21] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Mizzi noe et vs Mario Grech et noe***

[22] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Bajada et vs Middlesea Insurance Co. Ltd.***

il-polza li tkun inħarġet ma titqiesx torbot aktar lill-assikuratur;

Illi tifsira ċara tal-prinċipju li jgħodd għall-obbligu tal-assikurat (prospettiv) li jistqarr dak kollu li huwa materjali mal-assikuratur (prospettiv) tiegħu tindika li "*(a)n applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, **prior to the conclusion of the contract, but only up to this date**, all material facts within his knowledge which the latter does not or is not deemed to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract ab initio, and upon avoidance it is deemed never to have existed*."[23] Tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li din ir-regola titkellem dwar (i) fatti (u mhux sempliċi fehmiet, suppożizzjonijiet jew opinjonijiet), li (ii) jkunu materjali għall-kuntratt, u li (iii) l-assikuratur ma jkux jaf bihom jew mhux mistenni li jaf dwarhom. Iżda r-regola msemmija ma tobbligax lill-applikant biex jistqarr fatt materjali jekk kemm-il darba tali fatt inaqqas ir-riskju assikurat, jew jekk tali fatt huwa magħruf mill-assikuratur jew li hu mistenni li jkun jaf bih, jew jekk l-assikuratur jirrinunzja għall-għoti tiegħu mill-applikant;

Illi, minbarra dan, huwa stabilit ukoll li d-dmir tal-istqarrija tal-fatti kollha rilevanti min-naħa tal-assikurat (prospettiv) jgħodd minkejja li dik il-persuna ma tkunx taf li għandha dak id-dmir. Huwa wkoll wieħed oġġettiv, fis-sens li l-fehma tal-applikant dwar jekk fatt kienx materjali jew le ma tiswiex biex teħilsu mid-dmir li jiddikjara l-fatt[24]. In-nuqqas ta' għoti ta' tagħrif materjali, ukoll jekk mingħajr ħażen jew qerq, isarraf daqs nuqqas qarrieq, biex iwaqqa' s-siwi ta' polza ta' assikurazzjoni li tkun inħarġet f'ċirkostanza bħal din[25];

Illi b'fatt materjali għall-finijiet tad-dmir tal-għoti ta' tagħrif sħiħ, wieħed jifhem dak il-fatt li jwassal lil assikuratur għaqli u raġonevoli biex jaqtagħha jekk jilqax jew le talba biex joħroġ polza ta' assikurazzjoni lill-applikant, jew, jekk jilqa' dik it-talba, x'inhu l-*premium* li lest li jitlob biex

---

[23] J. Birds <u>Modern Insurance Law</u> (2nd. Edit, 1988), paġġ. 81-2
[24] *In re* ***Roselodge Ltd. vs Castle*** C. of A. (1966) 2 Lloyd's Rep, 113
[25] P.A. DS **26.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Parnis et vs Stephen Fava et noe***

jassikura r-riskju involut. Il-fatt irid ikun ta’ siwi tali li l-għarfien tiegħu ikun għajn importanti li twassal għad-deċiżjoni tal-assikuratur biex ikopri r-riskju assikurat. Ġeneralment huwa meqjus li kull tagħrif li jintalab fil-Formola ta’ Proponiment għall-ħruġ tal-polza ta’ assikurazzjoni huwa tagħrif ta’ fatti materjali[26];

Illi huwa mgħallem li l-fatti materjali jistgħu jolqtu kemm l-aspett fiżiku tal-oġġett tal-assikurazzjoni u kif ukoll dak morali. F’din it-tieni kategorija wieħed iqiegħed it-tagħrif dwar episodji mgħoddija tal-ġrajja tal-assikurat (magħrufa teknikament bħala “*the insurance history*” tal-applikant li jkun)[27], jew tagħrif dwar l-oriġini jew in-nazzjonalita’ tiegħu, u wkoll fatti marbutin mal-kondotta kriminali tal-assikurat. Taħt il-kappa tal-*insurance history*, wieħed jinkludi kemm każijiet preċedenti fejn ma ntlaqgħux talbiet tal-persuna biex tinħarġilha polza ta’ assikurazzjoni, u kif ukoll il-ġrajja ta’ “*claims*” magħmulin taħt poloz ta’ assikurazzjoni preċedenti. Dan it-tagħrif huwa ta’ siwi kbir u jintrabat mad-dmir tal-applikant li jgħarrfu lill-assikuratur prospettiv tiegħu[28];

Illi fil-każ ta’ assikurazzjoni personali ta’ proprjeta’, huwa meqjus materjali l-fatt li l-assikurat jgħarraf b’każijiet preċedenti ta’ telf tal-għamla li huwa jkun qiegħed jitlob il-ħruġ ta’ polza ġdida dwaru[29];

Illi għalkemm il-Formola ta’ Proponiment m’hijiex il-kuntratt tal-assikurazzjoni fih innifsu, hija meqjusa bħala parti integrali minnu u għalhekk kull dikjarazzjoni falza jew tagħrif inkomplet fiha qisha dikjarazzjoni falza jew mhux sħiħa fil-kuntratt[30];

Illi l-attriċi tisħaq li meta marret biex titlob li tinħarġilha polza ta’ assikurazzjoni mill-kumpannija mħarrka, hija ma kinitx intalbet tgħid jekk qattx kien kellha inċidenti dwar assikurazzjoni qabel dak inhar. Hija tgħid li kulma

---

[26] P.A. RCP **30.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Ltd.***
[27] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe***
[28] P.A. TM **3.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe***
[29] *In re* ***Arterial Caravans Ltd. vs Yorkshire Insurance Co. Ltd.*** (1973) 1 Lloyd’s Rep., 169
[30] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***

staqsewha kien kemm-il sena kien ilha ssuq u jekk qatt kienet assikurata magħhom. Wieġbet għal dawn iż-żewġ mistoqsijiet, iffirmat u ħallset[31]. B'dan, l-attriċi qegħda tgħid li għalhekk hija tat kull tagħrif li ntalbet u ma naqset bl-ebda mod kontra r-regola tan-"*non disclosure*";

Illi minn qari tal-prinċipji msemmija aktar qabel, ma jidhirx li l-attriċi tista' tistrieħ fuq dan l-argument. Id-dmir li l-assikurat jistqarr kull fatt materjali li jista' jkun rilevanti biex l-assikuratur raġonevolment jiddeċiedi jekk għandux jilqa' talba biex joħroġ kuntratt ta' assikurazzjoni jeżisti b'mod oġġettiv, mhux biss jekk l-assikurat prospettiv iwieġeb lejalment għal kull mistoqsija li ssirlu, iżda wkoll billi jagħti tagħrif li raġonevolment jaħseb li huwa materjali biex isawwar il-fehma tal-assikuratur propsettiv li jaċċetta li joħroġ il-polza. Dan jingħad apparti għall-fatt li, meta Sharon Micallef[32] kienet imliet il-*proposal form* fuq it-tagħrif li tatha l-attriċi, hija kienet qegħda taġixxi bħala mandatarja tal-applikant (jiġifieri l-attriċi) u mhux bħala aġenta tal-kumpannija assikuratriċi[33];

Illi wieħed jista' jargumenta li, meta l-kumpannija mħarrka aċċettat li tassikura lill-attriċi, hija kellha kull opportunita' li tfittex dwar xi episodji li l-istess attriċi seta' kellha qabel taħt poloz oħrajn. Dan l-argument jintuża b'qawwa akbar illum il-ġurnata, meta t-tagħrif dwar persuna (partikolarment meta wieħed qed jitkellem dwar assikurazzjoni ta' persuna fiżika) jista' jinstab b'ħeffa fid-*data* komputeriżżati tad-diversi kumpanniji assikuraturi. Iżda l-każijiet ta' xi "*claims*" preċedenti ta' xi persuna taħt xi polza ta' assikurazzjoni m'humiex fatti notorji li l-assikuratur prospettiv – partikolarment wieħed ġdid għall-applikant – huwa mistenni li jkun jaf. Minbarra dan, in-nuqqas ta' stħarriġ min-naħa tal-assikuratur prospettiv ma jnaqqas xejn mill-obbligu tal-assikurat prospettiv li jagħti t-tagħrif sħiħ meħtieġ, meta jiġi biex jitlob il-ħruġ favurih ta' polza ta' assikurazzjoni ġdida. Min-naħa l-oħra, huwa mistenni li l-kumpannija assikuratriċi tafda lill-applikant u

[31] Xhieda tagħha, f'paġ. 58 tal-proċess
[32] Xhieda tagħha 18.11.2003, f'paġġ. 115-6 tal-proċess
[33] App. Kumm. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Azzopardi et noe vs Joseph Muscat et*** u App.Inf. **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c.***

toqgħod fuq it-tagħrif li huwa jagħtiha fil-Formola ta' Proponiment, u li għandha tippreżumi li dak it-tagħrif għandu mis-sewwa u huwa sħiħ[34];

Illi l-fatt ukoll li l-kumpannija mħarrka aċċettat mingħand l-attriċi l-ħlas tal-*premium* u ħarġet il-polza relattiva ma jfissirx li b'daqshekk il-kumpannija assikuratriċi irrinunzjat għall-jeddijiet tagħha li tħassar il-polza jekk jirriżultalha li l-applikant kienet naqset milli tagħti tagħrif sħiħ u veru taċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, jew li kienet irratifikat tali nuqqas meta l-fatti veri ma kinitx tafhom[35];

Illi, fil-każ tal-lum, joħroġ ċar li l-attriċi kienet involuta f'minn tal-anqas żewġ (2) "*claims*" għal kumpens dwar vetturi assikurati li kienu reġistrati f'isimha qabel ma talbet il-ħruġ ta' polza mingħand il-kumpannija mħarrka . Jirriżulta li t-talbiet kienu saru mill-istess persuna, kif jixhed in-numru tal-Karta tal-Identita' f'kull talba minnhom li huwa l-istess. Waħda mit-talbiet kienet saret imqar tlettax-il xahar qabel ma hija talbet il-ħruġ tal-polza mertu tal-każ. Jirriżulta wkoll li, fil-Formola tal-Proponiment ta' Mejju, 1999, l-attriċi mhux biss ċaħdet li matul l-aħħar sitta u tletin (36) xahar qabel dak inhar kienet ġarrbet telf assikurat fuq xi vettura, iżda saħansitra iddikjarat ukoll li l-aħħar polza ta' assikurazzjoni preċedenti dwar xi vettura tagħha kienet ilha li għalqet aktar minn sentejn qabel. Dan il-fatt huwa kontradett għal kollox mit-talba li hija kienet ressqet dwar il-karozza li kienet irrapportat nieqsa f'April tal-1998. Hemm ukoll il-fatt li l-attriċi ma stqarritx li l-karozza mertu ta' din il-kawża kienet kisbitha bin-nifs. Anzi, iddikjarat il-kuntrarju;

Illi jirriżulta li l-attriċi iffirmat hija stess il-Formola ta' Proponiment, u dan jidher li sar wara li l-Formola kienet imtliet minn Sharon Micallef;

Illi l-Qorti tqis li d-diskrepanzi fit-tagħrif mogħti ma' dak li fil-fatt seħħ jikkostitwixxi nuqqas tal-obbligu tal-attriċi li tgħid kollox u tiddikjara l-fatti kollha materjali. Tqis ukoll li,

[34] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.***
[35] P.A. GV **8.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Baron et vs Thos. Smith Insurance Services Ltd.***

fuq il-bażi waħedha tan-nuqqasijiet li irriżultaw min-naħa tagħha, lanqas hu meħtieġ li wieħed jistħarreġ jekk il-każijiet li seta' kien involut fihom żewġha kinux ukoll fatti materjali li l-attriċi messha iddikjarat. In-nuqqasijiet li wettqet l-attriċi fuq il-fatti tagħha proprji, matul iż-żmien operattiv kopert bil-Formola ta' Proponiment, huma waħedhom xhieda tan-nuqqas ta' *full disclosure* li hija kienet marbuta li tħares. Tali nuqqas jagħti jedd lill-kumpannija mħarrka u lil dik imsejħa fil-kawża li jitolbu d-dekadenza tal-polza u li jinħelsu milli jitqiesu marbutin aktar biha;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-eċċezzjonijiet dwar l-invalidita' tal-polza jidhru mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fl-24 ta' Novembru, 2000;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka u **tilqa' wkoll l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mseħja fil-kawża, u tiddikjara li l-polza ta' assikurazzjoni invokata mill-attriċi kienet vizzjata u dan minħabba li l-attriċi naqset li tagħti tagħrif sħiħ u minnu dwar fatti materjali għall-ħruġ tal-istess polza; u, għalhekk

**Tiċħad it-talbiet attriċi,** bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------